MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 136/2006

**Atlas Insurance PCC Limited f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Valhmor Borg Imp/Exp Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi**
**vs**
**Falcotrans Limited.**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma komplessiva ta' elfejn hames mija u disgha u disghin lira u tlettax il-centezmu (LM2,579.13) rappresentanti danni fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta attrici u spejjez tas-*survey* relattiv, bhala s-socjeta nkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema konsenja waslet Malta fuq bastiment MV Majestic fil-hamsa (5) ta' Dicembru 2005, liema danni diga thalsu mis-socjeta attrici ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mit-tmienja (8) ta' Frar 2006 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestawalment mal-prezenti, kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta pprezentata nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Gunju 2006 fejn eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok huwa l-kaz li ssir korrezzjoni fl-avviz billi bl-emendi li gew fis-sehh fl-ewwel (1) ta' Frar 2006 (jew data ohra verjuri) il-proceduri civili fil-Qorti tal-Magistrati ghandhom jingiebu permezz ta' rikors u mhux permezz ta' Avviz.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu ppruvati skond il-ligi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbal taghha kif registrat fl-atti nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2007 fejn is-socjeta attrici talbet korrezzjoni fl-avviz fis-sens li l-kelma 'avviz' tigi sotitwita bil-kelma 'rikors'.

Rat li s-socjeta konvenuta ma kellha l-ebda oggezzjoni ghal tali talba w ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba f'dik l-istess seduta w ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet kif milqugha.

Illi **Brian Valenzia** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2007 u dan fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta Atlas Insurance PCC Limited. Huwa kkonferma li s-socjeta Valhmor Borg Import Export Limited hija assigurata maghhom u fil-fatt kienet ghamlet *claim* maghhom dwar xi merkanzija li kienet waslet Malta fuq bastiment MV Majestic nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2005. Stqarr li din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'konsenja ta' '*shrimps*' u dawn kellhom jigu mizmuma f'temperatura sa -18 degrees u effettivament waslu Malta f'temperatura ta' -4 degrees w ghaldaqstant kellhom jehilsu mill-merkanizja kemm jista ikun malajr. Jispjega li kienu waslu fi ftehim mas-socjeta Valhmor Borg Export/

Import Limited biex jaghtuh kumpens ta’ hamsin fil-mija (50%). Jghid illi huwa kien mar personalment fl-i*stores* u kien ra l-merkanzija *de viso* li ma kienitx kif kellha tkun. Huwa esebixxa numru ta’ dokumenti li gew immarkati bhala Dok, VB 1 sa VB 8. Jghid li Dok.VB 1 huwa s-*survey* li sar, Dok. VB 2 hija is-*subrogation* li minnha jirrizulta l-ammont ta’ flus imhalsa minnhom, Dok. VB 3 hija il-*consignement note*, Dok. VB 4 hija ittra mibghuta mis-socjeta Valhomor Borg li tindika l-hsarat li kien hemm fil-merkanzija, Dok. VB 5 u Dok. VB 6 huma zewg fatturi u Dok. VB 7 u Dok. VB 8 huma zewg dokumenti mahruga mill-ufficcju tal-Istatistika. Jghid li r-*recovery* tal-flus li halsu lis-socjeta Valhmor Borg ghadhom m’ircevewhomx.

In kontr’ezami, mistoqsi x’inhi it-temperatura li jrid ikun hemm meta tasal merkanzija minn barra fir-*refrigerator*, ix-xhud jghid li jrid jkun hemm media ta’ bejn -15 u -25 degrees. -4 ifisser li huwa ‘*chilled*’ w ghalhekk l-ikel jilhaq jittowja. Fil-fatt fil-kaz in ezami jghid li is-‘*shrimps’* kien ‘*cold’* izda mhux ‘*frozen*’. Jghid li dan jafu ghaliex dahhal temperatura fil-*fridge*. Prova dokumentarja dwar dan pero m’ghandux. Jghid li fuq il-post kien hemm ukoll Chris Pace. Jaf ukoll li s-socjeta Valhmor kienet baghtet ghal xi rapprezentant tal-Falcotrans, izda jekk kienx hemm jew le ma jafx. Mistoqsi x’ftehim kellu mas-socjeta Valhmor Borg, ix-xhud ighid li kienu ftiehmu li jaghtih hamsin fil-mija tal-valur tal-prodott irrispettivament jekk ibieghx il-prodott kellu pero sa fejn jaf hu ma rnexxilhiex tbiegh il-merkanzija kollha.
**Chris Pace** Purchasing Manger mas-socjeta Valhmor Borg xehed nhar it-tnax (12) ta’ Marzu 2008 u kkonferma li huma kienu assigurati mas-socjeta attrici. Huwa kkonferma li kienu ghamlu *claim* dwar merkanzija li waslet fuq il-vapur Majestic nhar il-hamsa (5) ta’ Dicembru 2008, liema merkanzija kienet tikkonsisti f’*seafood* u ma waslitx skond it-temperatura li huma kienu talbu. Jghid li huma kienu qabdu s-socjeta konvenuta sabiex igorrilhom il-merkanzija kif kienet ilha tghamel ghal dawn l-ahhar ghaxar snin,

Jghid li s-socjeta konvenuta kienet taf x’temperatura kellha tinzamm fiha l-merkanzija ‘n kwistjoni ghaliex kienu

gabullhom merkanzija simili f'okkazzjonijiet precedenti. Din il-konsenja waslet pero f'temperatura ta' -4 u -5 li minnufih infurmaw lis-socjeta konvenuta kif ukoll lis-socjeta attrici Atlas Insurance PCC Limited. Ikkonferma li dakinhar kienu gew rapprezentanti taz-zewg socjetajiet biex jaraw jekk l-ilment taghhom kienx gustifikat. Huma tkellmu mal-Insurance taghhom u waslu fi ftehim sabiex jimminimizaw il-hsarat li jbieghu kemm jista jkun malajr l-merkanzija fi zmien jumejn u jithalsu biss hamsin fil-mija.

Huwa kkonferma s-*subrogation form* esebita fl-atti u kkonferma il-firma tieghu fuqha. Spjega li meta l-prodott jigi '*thawed*' ma jkunx jista jerga jigi '*frozen*'.
Mistoqsi jekk infurmawx id-dirigenti tad-Dwana dwar il-kundizjoni tal-merkanzija meta waslet Malta, ix-xhud jghid li m'ghamel xejn minn dan. Ikkonferma li l-prodott m'inbieghx kollu kien hemm hafna minnu li kien f'kundizjoni mhux tajba. Meta gie muri l-*consignement note*, id-Dok. VB 3 esebit fl-atti, x-xhud jghid li din tindika li waslu Malta *six pellets*. Huwa kkonferma li nforma lir-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta dwar din il-konsenja minnufih.

**Chris Grech,** skrivan mas-socjeta konvenuta xehed nhar il-hmisatax (15) ta' Gunju 2007. Stqarr li xoghlu hu li jikkoordina x-xoghol tal-klijent meta jidhol Malta u ghalhekk dejjem ikun infurmat bix-xoghol li ikun ser jasal Malta. Mistoqsi jekk ghamilx xi *inspection* fil-kaz in esami jew jekk ghamilx xi *survey*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Jghid li lanqas ma kien prezenti meta saret xi *survey*. Jghid li huwa ighaddi il-*consignement note* lil klijent sabiex jiffirmha u jekk meta jiffirmha ma jikteb l-ebda kumment fuqha huwa jaqbad u ipoggiha fil-*file*. Jekk ikun hemm xi rmarka jitkellem dwarha mas-Sur Busuttil u jagixxi skond il-kaz. F'dan il-kaz ma kien l-ebda kmment w ghalhekk qabad u poggiha fil-*file*.

Mistoqsi jekk rax id-dokument a fol. 19, jghid li hija *e-mail* mibghuta lil James Falzon, kkuppjata lil Stepahnie Aquilina li huma haddiem tas-socjeta Valhmor Borg. Huwa jichad li qatt irceviha u lanqas ma sabha filfiles tal-kumpanija. Stqarr li din l-*e-mail* m'ghandhiex data u

lanqas hin ta' meta intbaghtet. Huwa esebixxa zewg *e-mails* li kien ircieva minghand Stephanie Aquilina biex jindika x'tip ta' *e-mails* kien jircievi minghandha.

Mistoqsi jekk ghandux x'jirrimarka ghal din l-*e-mail*, ix-xhud stqarr li hija *e-mail* inveritjera ghaliex mhux minnu li kien prezenti ghal din is-*survey* f'dan il-kaz in ezami.

Mistoqsi jekk tkellimx ma James Falzon dwar l-*e-mail* jghid li kelmu w iccekkjaw s-*servers* taghhom u din l-*e-mail* ma dehret imkien. Jghid li dan Falzon qallu li ma kien jaf xejn dwar din il-*claim*.

Illi fix-xhieda tieghu tad-disgah (9) ta' Lulju 2008 ix-xhud jikkonferma li l-*e-mail* esebita a fol 47 tal-atti, huwa qatt ma kien irceviha u qatt ma kien raha. Jghid li f'dan il-kaz huwa ma mar imkien sabiex jirrapprezenta lis-socjeta Atlas. Jghid li gieli jmur jigbed xi ritratti ta' xi konsenji, izda certament zgur mhux f'dan il-kaz.
**Peter Busuttil** Claims Handler mas-socjeta konvenuta xehed nhar il-hmistax (15) ta' Gunju 2007 ighid li sar jaf b'din il-*claim* fi Frar tas-sena 2006 meta kien ircieva ittra minghand is-socjeta attrici fejn gew infurmati li kien hemm xi hsara f'din il-konsenja. Jippreciza u jghid li dan kien xi xaghrejn wara li l-konsenja kienet waslet Malta. Jghid li fil-jum tal-wasla, hadd m'infurmah li kien hemm xi hsarat. Huwa mar jitkellem ma impjegati tas-socjeta biex jara kienux jafu dwar din il-pendenza u hadd ma kien jaf xejn.

In kontr'ezami nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2008 ighid ghal darb' ohra li sar jaf bil-*claim* dwar is-*shrimps* xi zmien wara li kienet waslet il-konsenja meta kien mar fl-ufficcju taghhom Brian Valenzia ghan-nom tal-Atlas Insurance u qallu biha. Kien qallu li kien baghtlu l-*claim* bil-posta u hu kien wiegbu li ma kienx irceviha w ghalhekk ghaddielu kopja bl-idejn. Qal li bhala procedura, meta jkollhom ilment jibghat lis-*surveyor* u huwa stess jigbor id-dokumentazzjoni u hu jghaddilhom kollox. Lilu, l-*complaint* jinfurmah biha jew Chris jew James, l-impjegati tas-socjeta konvenuta. Jghid li la Chris u lanqas James ma jmorru regolarment fuq il-post fejn ikun hemm

*complaint*, imorru biss meta ikunu hekk mitluba. F'dan il-kaz ma marrux zgur ghaliex ma kienux jafu bil-*claim*.
**Stephanie Aquilina** impjegata mas-socjeta Valhmor Borg xehdet nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2007 u esebiet *e-mail* li kienet baghtet lil James u Chris u din giet markata bhala Dok. CSH u dan wara li kkonfermat il-kontenut taghha. Ikkonfermat ukoll li huma kellhom ftehim mas-socjeta Falcotrans li kellhom ihalsu hamsin fil-mija tal-*invoice* u dan sabiex jistghu jbieghu l-prodott malajr peress li kien *damaged*. Tghid li l-prodott kien wasal Malta '*thawed*' w ghalhekk kellu *life span* iqsar. Fix-xhieda taghha tal-hmistax (15) t'Ottubru 2007 din ix-xhud tikkonferma li s-*surveyor* Paul Ellul kien mar fuq il-post meta waslet il-merkanzija u kellu ihejji rapport. Qalet li prezenti kien hemm ukoll Kenneth, sales manager tas-socjeta Valhmor Borg maghhom.

**Paul Ellul** surveyor mas-socjeta General Marine Services and Consultency Limited jikkonferma li ma kienx gie imqabbad sabiex jaghmel *survey* fuq il-konsenja in desamina u fil-fatt fl-ebda hin ma mar fuq il-post jew ra xi merkanzija. Ghalkemm ighid li kien hemm kaz simili ta' merkanzija li waslet abbord il-vapur MY Excellence fejn kien hemm xi '*thawing'* ta' prodotti.

**Kenneth Borg Caruana** Operations and General Manager mas-socjeta Valhmor Borg xehed nhar is-sitta (6) ta' Frar 2008 w ikkonferma li jiftakar li l-konsenja 'n kwistjoni kienet waslet Malta f'temperatura mhux adegwata. Prezenti wkoll kien hemm xi rapprezentant tas-socjeta Falcotrans u mhux cert jekk kienx hemm xi hadd minn tal-Insurance.

**James Falzon** Overseas Operation Manager mas-socjeta konvenuta xehed nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2008 u kkonferma li l-*e-mail* esebita a fol. 47 tal-atti qatt ma kien irceviha u lanqas ma kien raha. Chris Grech kien staqsih jekk kienx ircieva xi *e-mail* u kien wiegbu fin-negattiv. Ikkonferma li *clams* isiru jew mieghu jew ma Chris Grech ghalkemm jiehu hsiebhom kien Peter Busuttil.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi mil-provi prosotti jirrizulta li s-socjeta Valhmor Borg Import Export Limited assigurata mas-socjeta attrici, kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta sabiex iggorr merkanzija konsistenti f'konsenja ta' *sea food* partikolarment *shrimps* li kellhom jaslu Malta b'temperatura ta' -18 gradi. Gara pero li l-merkanzija konsistenti f'sitt *pellets* verament waslet Malta, pero kif konfermat minn Chris Pace, impjegat tas-socjeta Valhomor Borg u minn Brian Valenzia, Direttur tas-socjeta attrici, din waslet b'temperatura ta' -4 u b'hekk il-prodott ma kienx iffrizat.

Illi jirrizulta mill-provi li appena waslet il-konsenja, s-socjeta Valhmor Borg indunat b'dan in-nuqqas appena infethet il-*container* u minnufih Chris Pace informa is-socjeta assiguratrici taghhom is-socjeta attrici li baghtet r-rapprezentant taghha biex jispezzjona l-merkanzija u lis-socjeta konvenuta li ukoll jikkonferma li baghtet ir-rapprezentant taghha.

Illi huwa minnu li minn ezami tal-*consignement note* mahruga mis-socjeta konvenuta esebita fl-atti Dok. VB 3 fol.18, hemm miktub biss li waslu sitt *pellets* u li m'hemmx indikat il-kundizzjoni ta' dawn il-*pellets* pero l-kundizzjoni tal-merkanzija giet konfermata minn Brian Valenzia u Chris Pace. Illi minn komunikazzjoni datata tmienja (8) ta' Frar 2006 mibghuta minn Stephanie Auilina, impjegata tas-socjeta Valhmor Borg Limited, lil James Falzon u kkuppjata lil Chris Grech it-tnejn impjegati tas-socjeta konvenuta hemm konferma ta' dawn il-fatti. Hemm ukoll konferma ta' dawn il-fatti fir-rapport tas-socjeta assiguratrici esebit fl-atti u mmarkat Dok. VB 1 a fol. 15 fejn hemm miktub b'mod specifiku li "*on the 5$^{th}$ December 2005, we were informed by Messrs Valhomor Borg Import Export Limited that two packages Schrimps were nearly thawed. We immediately went on site and inspected these two packages. We took temperatures from different packages and found to be minus four degress instead of minus 18.'*

Illi s-socjeta konvenuta, fl-eccezzjonijiet taghha, principalment tghid li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minghajr ma taghti aktar dettalji. Pero waqt is-smiegh tal-provi, s-socjeta konvenuta tghid li hija m'ghandhiex tinzamm reponsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici, 'l ghaliex hija qatt ma kienet giet infurmata bl-istat prekarju li waslet fih l-konsenja u fil-fatt ma kienitx taf b'dan l-ilment sa hafna wara.

Hija ressqet lill-impjegati taghha sabiex tikkonferma dan u bdiet billi ressqet lil Chris Grech u James Falzon sabiex jikkonfermaw li huma qatt m'ircevew l-*e-mail* li kienet baghtet is-socjeta attrici u sabiex jghidu li dwar dan il-*claim* ma jafu xejn. Peter Busuttil jghid li sar jaf bil-*claim* meta rcieva ittra mighand is-socjeta attrici li rrappurtatlu l-*claim* u minnufih kien mar ikellem lill-impjegati l-ohra sabiex jara kienux jafu xi haga huma, izda ma kienx il-kaz. Ressqet ukoll lil Stephanie Auilina li ghal darb' ohra kkonfermat li kien hemm rapprezentant tas-socjeta konvenuta fuq il-post meta waslet il-konsenja u cioe Chris Grech, izda li dan kien telaq meta wasal is-*surveyor* Paul Ellul. Paul Ellul ma jichadx li kien hemm pero jghid li ma jiftakarx.

Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova li effetivament l-merkanizja waslet f'kundizzjoni tajba bhal xi certifikat dwar it-temperatura li inzammet fiha l-merkanzija jew xi prova ohra dokumentarja sabiex tichad dak allegat mis-socjeta attrici.

Dwar il-quantum ma jidhirx li hemm xi kontestatazjoni.

Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' provi ohra, l-Qorti hija konvinta li d-danni sofferti mis-socjeta attrici kienu risultat ta' temperatura hazina li fiha inzaamet il-konsenja li waslet Malta abbord l- MV Majestic nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru 2005.

Huwa obbligu tas-socjeta konvenuta li twassal il-merkanizja ghand id-destinatarju taghha fi stat tajjeb w ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha tirrispondi ghall-

istess nuqqas abbazi tal-principju kostanti enuncjat f'diversi sentenzi fosthom '**Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar s-sittax (16) ta' Marzu 1992 (LXXV.11.430), **Mariano Sare vs Antoine Ellul** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-tnax (12) ta' Gunju 1953 (XXXVii.197) u **Albert Abela vs S. Mifsud & Sons Ltd** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'Ottubru 2001 u aktar ricenti wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Atlas Insurance PCC Limited pro et noe vs Falcotrans Limited** datata tlieta (3) ta' Mejju 2007 fejn inghad li:

"*Id-debitur jibqa dejjem responsabbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu, b'mod li huwa jibqa dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabddin minnu."*

Illi hawn issir referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine vs MD Trucking Limited et** deciza nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li kontreant ma jistax johrog mir-responsabilita ghal ksur tal-kuntratt billi jallega nuqqas ta' persuna li gie mqabbad minnu fil-kors ta' l-esekuzzjoni ta' kuntratt (**Farrugia vs Attard** deciz fit-tmienja (28) t'April 1998 u hawn issir referenza wkoll ghall-artikolu 17 (1) tal-Regolamenti tas-CMR li jghid li:-

*"The carrier shall be liable for the total loss of the goods and for the damge thereto occurring between the time when he takes oer the goods and the time f delivery"* u certament f'dan il-kaz jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet negligenti u dan peress li ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma sehhx hsara lill-istess merkanzija li giet fdata lilha u jidher hawn Malta giet applikata normativ li kif jghid l-awtur **David Glass – The Divided Heart of the CMR Convention 14. E.T.L. (1979**) u cioe:-

*"The carrier cannot hope, simply that ordinary care was taken to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. It follows that a high degree of proofs required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part."*

Dan gie addotatt mill-Qrati f'diversi sentenzi fosthom **Elmo Insurance Agency Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited** deciza fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru 2004 u **Charles Borg nomine vs Francis Vella et nomine** deciza nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2003 it-tnejn mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddecidi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, stante li l-mertu taghha gie ezawrit bil-korrezzjoni kif awtorizzata fl-atti u tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa it-talba attrici fis-sens li tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma mitluba fl-avviz promotur u cioe s-somma ta' sitt elef u disgha Euro u hamsa w tletin Euro centezmi (€6009.35) ekwivalenti ghal elfejn hames mija disgha u sebghin lira u tlettax il-centezmu Maltin, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess avviz.**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithalsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------